**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 16/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Rabie Maloul**

Illum, 31 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Rabie Maloul, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 23529(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Fuq talba ta' l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, ġie akkużat talli fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala direttur ta' Maloul Brothers Company Limited u persuna li tħaddem f' 33, Triq Johnnie Catania, Triq M.A. Vassallo, Msida, nhar il-25 ta' Mejju 2022, matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiziku, korriment jew milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap. 424;
2. Fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi, bħala persuna li tħaddem, naqas li jara li xogħol fl-għoli jkun ppjanat sew u jieħu mizuri xierqa u suffiċjenti biex

jipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali, naqas li jara li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjataformi jew xbieki ta' sigurta'. Fejn bennieni huma wżati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman inermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas li jara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġi mwaħħla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa distanza li tista' tikkawza ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvi riskju mill-għarqa jew korriment serju. Naqas li jara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma uzati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezzjoni II parti B) ta' A.L. 88/2018.

3. Fl-istess zminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċita' tiegħu ta' persuna li jħaddem naqas milli jizgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dizpozizzjonijiet speċifikati fi Skeda 2 ta' l-Ordni u jizgura li fejn hemm il-prezenza ta' aktar minn riskju wieħed jeħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kompattibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqas ukoll li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' uzu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjeta' tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karateristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda jieħu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizgura li dan l-uzu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġene għall-utenti differenti. Naqas li jizgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas min min iħaddem u jizgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz ta' manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Naqas milli jara li qabel ħaddiem juza tagħmir protettiv personali javzah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Naqas ukoll li jizgura li jiġi kkonsultat ir-Rapprezentant għas-Saħħa u s-Sigurta' tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 tal-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).
4. Fl-istess zminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li jħaddem naqas milli javza lil Jobsplus dwar l-impjieg ta' persuni u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.
5. Taħt l-istess ċirkostanzi, bħala prinċipali, impjiega xi persuna li ma kinitx ċittadina ta' Malta u lanqas kellha permess waħdieni u liċenzja ta' mpjieg, ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Diċembru 2022, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u konsegwentement illiberatu mill-istess.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi ssib ħtija fl-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tal-imputat *qua* appellat.

Rat l-aggravji ta'l-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet enunċazzjoni zbaljata tal-liġi meta waslet biex tillibera lill-appellat abbażi ta' żball fl-indikazzjoni ta' ismu fuq iċ-ċitazzjoni. Jisħaq ulterjorment li żball f'taħrika m'għandux iwassal għall-nullita' taċ-ċitazzjoni u lanqas għandu jwassal għall-liberatorja tal-persuna mputata. Finalment itenni li d-deċizjoni tal-Ewwel Qorti fejn iddeċidiet li l-imputat *qua* appellat kellu jiġi lliberat a bazi ta' isem ħazin fiċ-ċitazzjoni, kienet deċizjoni għal kollox zbaljata.

Illi minn qari akkurat tas-sentenza impunjata, ma jirriżulta minn imkien li l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tillibera lill-appellat abbażi ta'l-iżball li kien hemm f'ismu fiċ-ċitazzjoni. Għaddiet għal liberazzjoni wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> **"Stabbilit dan mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma tirrizulta l-ebda prova li tista' sal-grad rikjest mill-liġi tirribatti dak li spjega l-imputat bil-ġurament u ċioe li l-ħaddiema fuq is-sit in kwistjoni ma kienux tiegħu izda ta' sub-contractor. Għaldaqstant din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillibera lill-qua imputat.'**

Illi minn qari ta' dan il-bran huwa bil-wisq evidenti illi għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti rrimarkat li isem l-appellat hekk kif indikat fiċ-ċitazzjoni ma kienx wieħed korrett, madanakollu għaddiet biex tillibera lill-imputat fil-mertu meta kienet

tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tilħaq il-grad tal-prova minnha mistenni illi l-ħaddiema misjuba fuq is-sit kienu fil-fatt impjegati mal-appellat. Huwa minnu illi l-Ewwel Qorti irrimarkat li kien hemm dan l-iżball u ukoll ġibdet l-attenzjoni li l-prosekuzzjoni ma talbet ebda korrezzjoni fir-rigward, għalkemm ġew ppreżentati diversi dokumenti fejn kien hemm indikazzjoni ta' isem l-imputat *qua* appellat. Madankollu, jerġa' jingħad, fl-ebda ħin, l-Ewwel Qorti ma kkonkludiet li minħabba f'dan l-izball fl-isem tal-appellat, hija kienet ser tilliberah mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih, iżda, tagħmilha ċara li d-deċizjoni tagħha li tillibera lill-appellat kienet ibbażata fuq in-nuqqas ta' provi miġjuba fil-konfront tiegħu u fuq xejn aktar.

Għaldaqstant, l-ewwel aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, permezz tat-tieni aggravju vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jilmenta dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti għarblet il-provi mressqa fil-proċeduri odjerni, liema aggravju, għalhekk huwa marbut mal-apprezzament tal-provi. Il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha u għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, sabiex tagħmel dan l-eżerċizzju u ċioe' sabiex tqies jekk dan l-apprezzament kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi minn eżami akkurat tal-atti, jirriżulta li nhar il-25 ta' Mejju 2022, il-Perit Charles Farrugia, in rappreżentanza tal-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-xogħol, għamel spezzjoni ġewwa l-fond numru 33, Triq Johnnie Catania, Triq Mikiel

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Anton Vassalli, Msida, liema fond huwa propjeta' ta' *Excel Investments Limited*. Il-Perit Farrugia jixhed li meta mar *in situ*, osserva diversi affarijiet li ma kienux konformi mal-liġi dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol kif ukoll sab zewġ ħaddiema li kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' kisi, fejn wieħed minn dawn il-ħaddiema saħansitra ma kienx liebes *safety shoes*. Kienu dawn il-ħaddiema li ndikaw lill-Perit Farrugia illi huma kienu mpjegati mal-appellat. Fil-fatt fuq il-post aċċeda ħu l-appellat Hussein Maloul u nħarġet *stop order* f'ismu[2]. Wara dan l-appellat ġie mitkellem mill-uffiċjal tal-Awtorita' nhar it-30 ta' Mejju 2022 fejn hu ammetta li ż-żewġ ħaddiema misjuba fuq is-sit kienu jaħdmu mal-kumpanija tiegħu *Maloul Brothers Company Limited* liema kumpanija kienet ġiet inkarigata sabiex tagħmel ix-xogħolijiet ta' kisi fuq is-sit ta' kostruzzjoni. Dan il-fatt kien ukoll ikkonfermat lil Farrugia mill-iżviluppatur u ċioe' li kienet din il-kumpanija responsabbli għax-xogħol tal-kisi. Igħid hekk ix-xhud Perit Charlie Farrugia li kien qed jinvestiga dan il-każ minn naħa tal-Awtorita' dwar dak li stqarr mieghu l-appellat meta kien mitkellem minnu u wara li wrieh ir-ritratti eżebiti in atti a fols.12 sa 14 tal-proċess:

> ***"Għaraf li l-ħaddiema kienu mqabbdin minnu. U li finalment għaraf li x-xogħol kien qiegħed isir b'mod perikoluż u ovvjament intalbu x-xogħolijiet rimedjali."***

Illi l-Ewwel Qorti iddeċidiet illi tiskarta l-istqarrija magħmula mill-appellat lill-uffiċjal tal-Awtorita' u dan għaliex kienet tal-fehma illi it-twissija li ngħatat ma kenitx konformi mal-liġi u dan għaliex mid-Dokument CF2 eżebit in atti, li huwa t-***Twissija u id-Dikjarazzjoni ta' Rifjut għall-Assistenza ta' Għajnuna Legali*** tal-persuna suspettata, ma saritx bix-xiehda tal-uffiċjal investigattiv, flimkien ma' żewġ xhieda oħra. Illi minn eżami ta' dan id-Dokument jirriżulta illi l-istess hu iffirmat mill-appellat, u żewġ xhieda, uffiċjali tal-Awtorita', li *del resto*, l-identita' tagħhom hija mistura għax ma ġewx indikati lanqas l-ismijiet kompluti tagħhom fl-istess dokument, iżda hemm biss l-inizjali tagħhom, għalkemm l-Qorti ma għandiex dubbju li l-ewwel firma hija dik tal-Perit Charlie Farrugia li taqbel mal-firem l-oħra tiegħu li jinsabu fuq id-dokumenti minnu eżebiti, u hemm indikati l-inizjali ta' ismu C. F.. L-Avukat

[2] Dokument CF1

Ġenerali minn naħa tiegħu jsostni madanakollu illi dak kollu li qal l-appellat lill-uffiċjali tal-Awtorita' huwa legalment ammissibli.

Illi l-Artikolu 355AUA(6) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

> **(6) Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih**

L-artikolu 355AUG(2) tal-Kodici Kriminali imbagħad jiddisponi illi:

> **"Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.**

Illi ma hemmx dubbju li ir-rinunzja minn naħa tal-appellat ġiet reġistrata. L-appellat jagħżel li jieħu l-pedana tax-xiehda u fl-ebda ħin ma jikkontesta l-validita' tal-istqarrija minnu rilaxxata jew li ma ngħatax id-drittijiet kollha skont il-liġi.

Illi mhux ikkontestat għalhekk illi l-appellat kien mogħti il-jeddijiet tiegħu skont il-liġi u għażel li jirrifjuta li jkun assistit minn avukat meta huwa irilaxxa l-istqarrija tiegħu. Dan il-fatt kien rreġistrat fit-termini ta'l-artikolu 355AUG(2) hawn fuq ċċitat u dan kif jixhed id-dokument eżebit in atti u kkonfermat mill-persuna li irrediġietu il-Perit Farrugia, li jidher ukoll li ffirma d-dokument. Jikkonsegwi għalhekk illi l-jeddijiet li tfittex li thares il-ligi meta persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat tkun ser tigi nterrogata sabiex jithares il-jedd tagħha għal smiegh xieraq, ngħataw f'dan il-każ. Ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi illi tirrendi l-istqarrija tal-persuna suspettata inammissibbli bħala prova jekk id-dikjarazzjoni magħmula fit-termini ta'l-artikolu 355AUA(6) ma tkunx tikkonforma mar-rekwiżiti hemmhekk stabbiliti, għalkemm jekk ikun hemm tali nuqqas, l-validita ta' dik l-istqarrija tista' tkun ikkontestata, fis-sens illi jkun irid jiġi ippruvat illi l-persuna suspettata ngħatat d-drittijiet kollha tagħha skont il-liġi, fosthom allura li ingħatat il-jedd tal-assistenza legali u li din ġiet irrifjutata. Dan sabiex ma ikun hemm ebda dubbju illi s-suspettat ma jkunx inkrimina ruħu b'xi dikjarazzjoni li jkun għamel mingħajr ma kien debitament assistit minn avukat kif għandu dritt, liema dritt madanakollu jista' jkun irrinuzjat.

Issa fil-każ li kien taħt il-lenti tal-Ewwel Qorti, u issa għal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, huwa indubitat illi qabel kien mitkellem, l-appellat ingħata id-drittijiet tiegħu skont il-liġi, fosthom li jkun debitament assistit legalment, għal liema jedd huwa irrinunzja u dan kif huwa rifless kemm fix-xiehda tal-Perit Charlie Farrugia, l-uffiċjal investigattiv, kif ukoll mid-Dokument CF2. L-appellat ma jikkontestax dan il-fatt. Fil-fatt minn qari tal-verbal tas-seduta tal-14 ta' Diċembru 2022 fl-ebda ħin ma jidher illi huwa qanqal l-eċċezzjoni dwar l-inammissibbilita' tal-istqarrija tiegħu. Kwindi ġaladarba l-appellat ma kienx qed jikkontesta l-fatt illi l-istqarrija tiegħu ittieħdet skont il-liġi, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kellux jirriżulta għall-Ewwel Qorti illi din il-prova kienet waħda inammissibbli ġaldarba ma kienx hemm ebda prova in atti illi lill-appellat ma kenux mogħtija d-drittijiet tiegħu, għalkemm id-Dokument CF2 seta' ma kienx konformi eżattament mar-rekwiżiti kollha imfassla fl-artikolu 355AUA(6) hawn fuq iċċitat. Kwindi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'dan l-aggravju minnu imqanqal, u l-Qorti għalhekk ser tilqa' l-istess u għalhekk tqies illi l-Ewwel Qorti errat meta warrbet dak dikjarat mill-appellat lil Perit Charlie Farrugia bħala prova.

**Ikkunsidrat:**

Illi stabbilit l-ammissibbilita' tal-istqarrija tal-appellat bħala prova, jifdal biex ikun kkunsidrat l-aggravju tal-Avukat Ġenerali marbut mal-mertu fejn jinsisti illi fl-atti kien hemm provi biżżejjed, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, sabiex tirriżulta ir-reita', iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-liġi titfa' l-piż tal-prova fuq l-appellat illi huwa ħa l-miżuri meħtieġa sabiex jassigura s-saħħa u is-sigurta' fuq il-post tax-xogħol.

Illi r-reati addebitati lill-appellat jinsabu mħaddna fl-artikolu 6(1)(2) tal-Att dwar l-Awtorita' Għas-Saħħa u S-Sigurta' li għandu l-għan li jiżgura li s-saħħa u s-sigurta' mhux biss tal-ħaddiem fuq il-post tax-xoghol, iżda ta' kull persuna li tkun tista' tiġi affetwata b'tali xogħolijiet, tkun imħarsa. Dan meta fis-sub-inċiz 2 hemm elenkati l-mizuri kollha li għandhom jittieħdu minn min iħaddem u ċioe' minn dik il-persuna li fit-termini tal-artikolu 2 tal-Att *'għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem*

*jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi…'.*

> **"Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –**
>
> **(a) li jiġi evitat riskju;**
>
> **(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;**
>
> **(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;**
>
> **(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;**
>
> **(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;**
>
> **(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;**
>
> **(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;**
>
> **(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u**
>
> **(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri itteknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, irrelazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.**

Illi mill-provi ma jirriżultax ikkontestat, u dan anke kif jirriżulta *ex admissis* fix-xiehda tal-appellat stess, illi s-soċjeta *Maloul Brothers Company Limited* li tagħha huwa direttur, kienet ġiet inkarigata mill-klijent u ċioe' sid il-proġett ta' kostruzzjoni sabiex isir ix-xogħol ta' kisi f'din il-blokka ta' appartamenti. Illi għalkemm fix-xiehda tiegħu l-appellat igħid illi huwa kien iddelega dan ix-xogħol lis-sub-kuntrattur ieħor ċertu Ahmed Al Najar, din id-dikjarzzjoni hija kontradetta minn dak li stqarr mal-Perit Charlie Farrugia meta kien minnu mitkellem. Mhux biss, iżda meta Farrugia kellem

liż-żewġ ħaddiema li kien hemm fuq il-post dawn fl-ebda ħin ma indikawlu li kienu jaħdmu ma' dan Al Najar, iżda indikaw lill-appellat, tant illi fuq il-post mar ħu l-appellat Hussein Maloul li lilu ġie mgħoddi l-*iStop Order*.

Illi kif tajjeb jikkontendi l-Avukat Ġenerali fl-aggravju minnu ntentat, il-piż tal-prova kien jinkombi fuq l-appellat illi juri li huwa għamel dak kollu minnu meħtieġ sabiex jara illi titħares is-saħħa u is-sigurta fuq il-lant tax-xogħol li għalih huwa kien inkarigat mill-klijent tiegħu li jagħmel. Illi r-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 jiddispponi illi:

> **F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, <u>li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit.</u>**

Illi l-appellat ma jressaq ebda prova f'dan is-sens stabbilit fir-regolament su-iċċitat. Iżda jipprova ifarfar ir-responsabbilita' minn fuq spallejh u jitfgħu fuq persuna oħra li jonqos milli jressaq sabiex jixhed għalkemm jagħmel talba tardivament quddiem l-Ewwel Qorti sabiex iressaq dan ix-xhud minflok ipproduċieh fis-seduta appuntata għas-smigħ tal-każ. U dan meta kien jaf ben tajjeb bl-imputazzjonijiet lilu addebitati. Jinnega illi huwa stqarr ma' Farrugia li ż-żewġ ħaddiema kienu impjegati miegħu, u jikkontendi illi dak li qal lil Farrugia kien li għalkemm kien jaf b'dawn in-nies li kienu qed jaħdmu fuq is-sit, iżda dawn kienu impjegati mas-sub-kuntrattur Al Najar u mhux miegħu, għalkemm jammetti illi lil Farrugia qatt ma semmielu lil din il-persuna meta dan ġie mitkellem minnu. Jistqarr inoltre li dakin-nhar dan Najar kien imsiefer it-Turkija. Igħid hekk fix-xiehda tiegħu:

> ***Difiża: Inti għedtulhom dan id-diskors? Jiġifieri min hu l-employer ta' dawn it-tnejn?***
>
> ***Xhud: Le. Ma nigdibx. Għedtilhom dawn mill-guyjiet li qed inqabbdu aħna. M'għedtlux li mpjegati miegħi jew li qed inħaddmu jien.***

Iktar 'il quddiem in kontro-eżami jikkontradixxi lilu nnifsu u igħid li lill-uffiċjal Farrugia kien qallu li dawn huma impjegati ma' Al Najar. Imma mbagħad meta mistoqsi min iħallashom huwa wieġbu:

> ***"Imma qalli min qed iħallashom? Għedtlu aħna. Jien. Aħna qed inħallsuhom. Minix se noqgħod nigdeb jew indur mal-lewża."***

Illi l-Qorti tqies illi x-xiehda tal-appellat mhijiex attendibbli. Jikkontradixxi lilu nnifsu iktar minn darba biex jaħrab mir-responsabbilta' penali. Ma hemmx dubbju li l-ħaddiema misjuba fuq is-sit kienu impjegati miegħu għalkemm ma jidhrux reġistrati fit-termini tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi *di piu,* kif ingħad, anke il-ħaddiema li nstabu fuq is-sit jindikaw li kienu qed jaħdmu mal-appellat tant illi issir komunika mal-appellat u jmur fuq il-post ħuh. Illi la dawn il-ħaddiema, la ħu l-appellat u lanqas l-appellat stess *a tempo vergine* ma jsemmu lil Ahmed Al Najar u din il-persuna tissemma għall-ewwel darba mill-appellat meta jitla' jixhed. Illi anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmen il-verżjoni tiegħu illi huwa inkariga lil Al Najar biex jagħmel dawn ix-xogħolijiet, issibha diffiċli temmnu kif dan seta' iseħħ meta kif jistqarr fix-xiehda tiegħu dan Al Najar kien jinsab it-Turkija.

Illi huwa ndubitat illi fuq is-sit irriżultaw diversi nuqqasijiet kif indikati mill-Perit Charlie Farrugia. L-appellat ma ressaq ebda prova sabiex juri li huwa kien qed jissorvelja x-xoghol li kien qed isir bħala il-persuna responsabbli mix-xoghol tal-kisi fis-sit u ukoll, allura, li saħħet il-ħaddiema kienet imħarsa. Kif lanqas jidher illi indenja ruħu jżur is-sit waqt l-andament tax-xogholijiet, u bħala l-persuna responsabbli għall-istess, sabiex jaċċerta ruħu li l-proċeduri tax-xogħol kienu qed jiġu implimentati b'mod korrett.

Illi għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tqies illi l-aggravju tal-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment u l-Ewwel Qorti errat meta lliberat l-appellat mill-imputazzjonijiet lilu addebitati.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 6(1)(2) u 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 5.1 sa 5.5 tal-iSkeda IV Sezz.II. Parti B tal-Avviż Legali 88 tal-2018, regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21, artikolu 36, 43 u 54 tal-Kapitolu**

**594 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah multa ta'  €1500.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**